## Domanda preliminari

Il-prodotti mediċinali kif iddefiniti mid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem [1], li fihom sustanzi kklassifikati msemmija fir-Regolamenti Nru 273/2004 [2] u Nru 111/2005 [3], huma dejjem esklużi, skont l-Artikolu 2(a) ta' kull wieħed minn dawn ir-regolamenti, mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, jew dan huwa l-każ biss meta hemm lok li jiġi preżunt li l-prodotti mediċinali huma komposti b'tali mod li s-sustanzi kklassifikati la jistgħu jiġu sempliċement użati u lanqas estratti permezz ta' mezzi intiżi għall-implementazzjoni jew li huma ekonomikament vijabbli?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69.
(2) Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, dwar prekursuri tad-droga (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 46).
(3) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005, tat-22 ta' Diċembru 2005, li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (ĠU L 333M, p. 472).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (Franza) fit-2 ta' Diċembru 2013 — Jean-Bernard Lafonta vs Autorité des marchés financiers

**(Kawża C-628/13)**

(2014/C 39/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Cour de cassation

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Jean-Bernard Lafonta

*Konvenuta:* Autorité des marchés financiers

### Domanda preliminari

L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2003, dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) [1] u tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/124/KE, tat-22 ta' Diċembru 2003, li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjoni u l-iżvelar pubbliku tat-tagħrif minn ġewwa u d-definizzjoni tal-manipulazzjoni tas-swieq [2], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jistgħu jikkostitwixxu biss informazzjoni minn ġewwa ta' natura preċiża fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet dawk li huwa possibbli li jiġu dedotti, bi grad suffiċjenti ta' probabbiltà, li l-influwenza potenzjali tagħhom fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati tiġi eżerċitata f'sens speċifiku, ladarba dawn isiru pubbliċi?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 367.
(2) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 6, p. 348.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul București (ir-Rumanija) fl-4 ta' Diċembru 2013 — SC ALKA CO SRL vs Autoritatea Națională a Vămilor — Direcția Regională pentru Accize și Operațiuni Vamale Constanța, Direcția Generală a Finanțelor Publice a Municipiului București

**(Kawża C-635/13)**

(2014/C 39/21)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Qorti tar-rinviju

Tribunalul București

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* SC ALKA CO SRL

*Konvenuta:* Autoritatea Națională a Vămilor — Direcția Regională pentru Accize și Operațiuni Vamale Constanța, Direcția Generală a Finanțelor Publice a Municipiului București

### Domandi preliminari

(1) Iż-żerriegħa tal-qargħa ħamra (ħaxix) fil-qoxra, intiża li tiġi sottomessa għal trattament termiku u mekkaniku sabiex tintuża għall-konsum mill-bniedem (bħala ikel li huwa snack) għandha tiġi kklassifikata taħt l-intestatura tariffarja 1207 — subintestatura tariffarja 1207999710, jew taħt l-intestatura tariffarja 1209 — subintestatura tariffarja 1209919010 tan-nomenklatura magħquda tal-merkanzija?

(2) Iż-żerriegħa tal-qargħa ħamra (ħaxix) fil-qoxra, intiża li tiġi sottomessa għal trattament termiku u mekkaniku sabiex tintuża għall-konsum mill-bniedem (bħala ikel li huwa snack) għandha tiġi kklassifikata, skont in-noti ta' spjega għan-nomenklatura magħquda, taħt l-intestatura tariffarja 1207 — subintestatura tariffarja 1207999710 — jew taħt l-intestatura tariffarja 1209 — subintestatura tariffarja 1209919010?

(3) Jekk teżisti kuntradizzjoni bejn il-klassifikazzjoni tariffarja li tirriżulta mit-tariffa doganali komuni u dik li tirriżulta min-noti ta' spjega għal dak li jirrigwarda l-istess prodott (żerriegħa tal-qargħa ħamra — ħaxix — fil-qoxra), liema minn dawn il-klassifikazzjonijiet tariffarji japplikaw fil-każ ineżami?

(4) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 109(a), 110 u 256(3) tar-Regolament Nru°2454/93 [1], proċeduri amministrattivi speċjali bħas-sottomissjoni ta' talba jew il-preżentazzjoni quddiem ċerta awtorità huma neċessarji sabiex iċ-ċertifikat EUR.1 jipproduċi l-effett speċifiku tiegħu jiġifieri li l-organi doganali japplikaw l-iskema tariffarja doganali preferenzjali prevista fl-Artikolu 98 tal-imsemmi regolament?

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Galați (ir-Rumanija) fil-5 ta' Diċembru 2013 — Casa Județeană de Pensii Brăila vs E.S.**

**(Kawża C-646/13)**

(2014/C 39/22)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Galați

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Casa Județeană de Pensii Brăila

*Konvenuta:* E.S.

**Domandi preliminari**

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 [1] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeskludu l-applikazzjoni ta' konvenzjoni bilaterali fil-qasam tas-sigurtà soċjali li tkun ġiet stipulata qabel l-applikazzjoni tar-regolament u li ma tidhirx fl-Anness II tar-regolament, minkejja li l-iskema applikabbli skont il-konvenzjoni bilaterali tirriżulta bħala iktar favorevoli għall-persuna assigurata minn dik li tkun applikata abbażi tar-regolament?

(2) Fl-evalwazzjoni tan-natura iktar favorevoli tal-konvenzjoni bilaterali, l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 jimponi limitazzjoni tal-interpretazzjoni ġuridika tal-ftehim bilaterali jew għandha tiġi eżaminata wkoll il-modalità konkreta ta' applikazzjoni tiegħu (fir-rigward tal-portata tal-ammont tal-pensjoni li tista' tingħata minn kull Stat, li l-ħlas tagħha jiġi ddeterminat skont l-applikazzjoni/nuqqas ta' applikazzjoni tal-ftehim permezz tar-regolament)?

(3) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda (fis-sens li ma hijiex teskluża l-applikazzjoni tal-konvenzjoni bilaterali dwar is-sigurtà soċjali), tista' tiġi kkunsidrata iktar favorevoli, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, sistema legali li abbażi tagħha Stat firmatarju tal-konvenzjoni dwar is-sigurtà soċjali jirrikonoxxi perijodu kontributtiv iqsar minn dak li jkun effettivament ġie akkumulat, u l-imsemmi Stat iħallas pensjoni għal ammont ikbar minn dak li jkun dovut fl-Istat kofermatarju jekk ikun rikonoxxut il-perijodu kontributtiv sħiħ?

(1) Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de commerce de Versailles (Franza) fis-6 ta' Diċembru 2013 — Comité d'entreprise de Nortel Networks SA *et*, Me Rogeau stralċjarju ta' Nortel Networks SA vs Me Rogeau stralċjarju ta' Nortel Networks SA, Alan Robert Bloom *et***

**(Kawża C-649/13)**

(2014/C 39/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de commerce de Versailles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Comité d'entreprise de Nortel Networks SA *et*, Me Rogeau stralċjarju ta' Nortel Networks SA

*Konvenuti:* Me Rogeau stralċjarju ta' Nortel Networks SA, Alan Robert Bloom *et*

**Domandi preliminari**

Il-qorti tal-Istat tal-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji għandha ġurisdizzjoni, esklużivament jew alternattivament mal-qorti tal-Istat tal-ftuħ tal-proċedura prinċipali, sabiex tiddeċiedi fuq id-determinazzjoni tal-beni tad-debitur li jidħlu fil-parametri tal-effetti tal-proċedimenti sekondarji skont l-Artikoli 2(g), 3(2) u 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar proċedimenti ta' falliment [1] u, fil-każ ta' ġurisdizzjoni esklużiva jew alternattiva, id-dritt applikabbli huwa dak tal-proċedimenti prinċipali jew dak tal-proċedimenti sekondarji?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 191.